Qorti tal-Magistrati (Malta)
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
(Spettur Roderick Attard)

vs

-Omissis-

Abdul Azim Ibrahim Abdul Rahim Alazim

Gesmesit Hamza

-Omissis-

-Omissis-

Algoni Ahmed Mohammed

-Omissis-

Al Tamer Ahmed Mohamed

Kumpilazzjoni Numru: 303/2020

**Illum, 14 ta' Lulju, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis-, Abdul Azim Ibrahim Abdul Rahim Alazim detentur tan-numru tal-pulizija 19CC-055, Gesmesit Hamza detentur tan-numru tal-pulizija 19CC-028, -Omissis-, -Omissis-, Algoni Ahmed Mohammed detentur tan-numru tal-pulizija 19BB-052, -Omissis-, Al Tamer Ahmed Mohamed detentur tan-numru tal-pulizija 19BB-004 u gew akkuzati talli nhar it-12 ta' Dicembru 2019 bejn il-hdax ta' filghodu (11:00hrs) u s-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) gewwa c-Centru ta' detenzjoni ta' Hal Safi, Safi Barracks, Safi:

1. Volontarjament hassru jew ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, liema hsara tammonta ghal aktar minn 2,500 Euro ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 325 (1) (a) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hadu parti attiva f'gemgha ta' ghaxar min-nies jew aktar, migburin, bil-

hsieb li jaghmlu reat ghalkemm din il-gemgha ma kinitx giet imxewxa minn xi hadd partikolari u aktar talli din il-migemgha ta' nies kellha l-hsieb li taghmel il-fatt li sar u dan bi ksur tal-Artikoli 68(2) u (3) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ma obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wiehed li jkun inkarigat minn servizz pubbliku jew ma halliehomx jew fixkilhom waqt li kien qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahhlu fi dmirhom, jew billi gabu fix-xejn jew hassru dak li haddiehor ikun ghamel skont il-ligi, jew b'xi mod iehor li jkun, fejn din id-disubbidjenza jew dan l-indhil ma jaqa' taht l-ebda dispozizzjonijiet ohra u dan bi ksur ta' Artikolu 338(ee) tal- Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Akkuzati aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kissru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku, b'ghajjat u bil-glied jew b'xi mod mhux imsemmi band'ohra fil-Kodici Kriminali u dan bi ksur ta' Artikolu 338(dd) ta Kap. 9 tal-Ligijiet ta Malta.

5. Akkuzati wkoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ngurjaw, jew heddew, jew ghamlu offiza fuq persuni ta' ufficjali nkarigati skont il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Lil Gesmesit Hamza detentur tan-numru tal-pulizija 19CC-028

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja tal-ufficjal tal-pulizija Pc 45, Alan Heyman f'periklu car, ikkaguna ferita ta' natura hafifa fuq il-persuna tal-Ufficjal tal-pulizija PC 45 Alan Heyman, persuna nkarigat skont il-ligi minn servizz pubbliku u dan bi ksur tal-Artikolu 96 (a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Lil; Gesmesit Hamza detentur tan-numru tal-pulizija 19CC-028

-Omissis-

-Omissis-

Akkuzati talli nhar it-12 ta' Dicembru 2019 ghall-habta ta' bejn il-hdax ta' filghodu (11:00hrs) u s-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) gewwa c-Centru ta' Detenzjoni ta' Hal Safi, Safi Barracks, Safi:

7. Volontarjament taw in-nar lill-bini, vettura, gharix, jew lok iehor imsemmi fl-artikolu 316 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, iżda meta gewwa ma kien hemm ebda persuna filwaqt li wiehed seta' jobsor illi fil-hin tal-hruq seta' kien hemm xi persuna gewwa l-bini, gharix, jew lok li ha n-nar mill-hruq u dan bi ksur tal-Artikolu 317(a)(i) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Lil: -Omissis-

-Omissis-

-Omissis-

-Omissis-

-Omissis-

Akkuzati -Omissis-

8. -Omissis-

Rat id-dokumenti;

Semghet provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Artikolu 325(1)(a), 68(2) u (3), 338(ee), 338(dd), 95. 96(a) u 317(a)(i) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati u cioe' ta' Abdul Azim Ibrahim Abdul Rahim Alazim, Gesmesit Hamza, Algoni Ahmed Mohammed u Al Tamer Ahmed Mohamed u nnutat li regghu kkonfermaw tali ammissjoni anke wara li nghataw zmien opportun sabiex jikkonsidraw l-posizzjoni taghhom.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325(1)(a), 68(2) u (3), 338(ee), 338(dd), 95. 96(a) u 317(a)(i) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputati kollha hatja tal-akkuzi kif dedotti

kontra taghhom u cioe' Abdul Azim Ibrahim Abdul Rahim Alazim tikkundannah ghal sitt (6) snin prigunerija effettivi u tmien mitt ewro (€800) multa, Gesmesit Hamza tikkundannah ghal sitt (6) snin prigunerija effettivi u hamest elef ewro (€5,000) multa, Algoni Ahmed Mohammed tikkundannah ghal sitt (6) snin prigunerija effettivi u tmien mitt ewro (€800) multa u Al Tamer Ahmed Mohamed tikkundannah ghal sitt (6) snin prigunerija effettivi u tmien mitt ewro (€800) multa.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**